**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Glenn Mallia**

**Kumpilazzjoni Numru: 755/12**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glenn Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 415585(M).

Akkuzat talli f'Marsaskala matul il-perjodu ta' bejn l-24 ta' Lulju 2010 u x-xhur ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Minghajr hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussesd ta' hwejjgu jew hatt bini jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha ilma ghalih jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor Art.85(1) Kap 9

2. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien lok u cirkostanzi approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra minn ogetti ta' haddiehor li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema ogetti jammontaw ghal aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u

sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-dannu ta' Joseph u Mary konjugi Spiteri minn Birzebbugia u/jew persuni ohra. Art 293 u 294 Kap 9.

Rat id-dokumenti pprezentati; u

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 85(1), 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-istess wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qieghda ssib lill-imputat Glenn Mallia hati tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ihallas lill-parte civile s-somma ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3,400) fi zmien sitt xhur mil-lum.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**